PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/0090(COD)

30.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (riformulazzjoni)
(COM(2008)0229 – C6-0184/2008 – 2008/0090(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Monica Frassoni

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Skont l-Artikolu 1(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-entitajiet għandhom jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom kemm jista' jkun b'mod miftuħ u b'mod mill-aktar qrib taċ-ċittadini. It-trasparenza u d-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni huma rikonoxxuti sew bħala l-aktar mod effiċjenti għan-nefqa sabiex tiġi miġġielda u evitata l-korruzzjoni. Għalhekk sabiex ikun possibbli għaċ-ċittadini li jipparteċipaw effettivament fil-proċess politiku u biex l-awtoritajiet pubbliċi jitqiesu bħala responsabbli direttament, iċ-ċittadini għandu jkollhom l-aċċess l-aktar wiesa' possibbli għal dokumenti li jkunu f'idejn l-istituzzjonijiet Ewropej.

Il-Parlament Ewropew kontinwament fakkar fl-importanza ta' dan il-prinċipju fundamentali tad-demokrazija, kif jidher fir-Riżoluzzjoni Cashamn. Il-konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-regolament uriet li hemm appoġġ kbir mis-soċjetà ċivili għall-appell tal-Parlament Ewropew għall-introduzzjoni ta' att dwar il-liberta' ġenwina tal-informazzjoni applikabbli għall-qafas interistituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, bi qbil mad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif stipulat fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Ir-rapporteur jiddispjaċiha li l-Istituzzjonijiet l-oħra mhumiex qed isegwu l-istess approċċ impenjat. L-emendi preżenti li l-Kummissjoni ressqet għar-Regolament, huma diżappuntanti għaliex bħal f'għadd ta' każijiet oħra, il-proposti tal-Kummissjoni jirrappreżentaw pass lura fl-"stimolu għall-kisba ta' aktar trasparenza". Barra minn hekk, ir-rapporteur tqis l-għażla tal-Kummissjoni li tuża l-proċedura ta' riformulazzjoni għar-reviżjoni tar-Regolament sfortunata u li ma tikkonformax mal-objettivi tal-Ftehima Interistituzzjonali (IIA) dwar il-proċedura ta' riformulazzjoni. Il-proċedura ta' riformulazzjoni mhix adattata għal reviżjoni kumplessa, fejn tibdil f'xi elementi jkollhom implikazzjonijiet għal dispożizzjonijiet oħra fit-test, minħabba li f'termini prattiċi tfisser li l-Parlament irid jagħmel użu estensiv mid-deroga prevista f'IIA.

Ir-rapporteur f'diversi każijiet daħħlet mill-ġdid id-dispożizzjonijiet preżenti tar-Regolament minħabba li huma joffru standard definittivament ogħla ta' aċċess u trasparenza.

Ir-rapporteur diġà rreferiet il-kwistjoni dwar ir-relazzjoni bejn aċċess għal dokumenti u protezzjoni tad-data bħala waħda mill-iktar kwistjonijiet kontroversjali relatata mal-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001. Il-pożizzjoni komuni tal-Ombudsman Ewropew, tas-Superviżur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u tal-Qorti tal-Prim Istanza (fil-każ tal-Lager tal-Bavarja) hija li l-protezzjoni tad-data ma tistax tintuża biex ikun evitat l-aċċess għal informazzjoni meta aċċess bħal dan ma jirriskjax li jagħmel ħsara lill-privatezza u l-integrità personali ta' individwu u r-rapporteur fakkret lill-Kummissjoni dwar dik il-pożizzjoni kkonsolidata.

Jekk wieħed jispira ruħu mil-Liberta tal-Informazzjoni Messikana u jekk wieħed iżomm f'moħħu li kawża quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja tista' tkun alternattiva mhux raġjonevoli għaċ-ċittadini fil-każ li jkun rifjutat li dokument ikun żvelat, ir-rapporteur tissuġġerixxi li l-Ombudsman Ewropew għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet dwar talbiet għal aċċess għal dokumenti b'effett finali fuq l-amministrazzjoni kkonċernata, filwaqt li l-applikanti għandhom iżommu d-dritt li jressqu azzjoni quddiem il-Qorti tal-Prim Istanza kontra r-rifjut tal-iżvelar tal-informazzjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Amendment 1

Proposal for a regulation
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(1) Numru ta' bidliet sostanttivi għandhom isiru lir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Dan id-dokument għandu jitfassal mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza	(1) Numru ta' bidliet sostanttivi għandhom isiru lir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni. Fl-interessi taċ-ċarezza, dak ir-regolament għandu jkun riformulat; ***din ir-riformulazzjoni hija teknika leġiżlattiva li għandha tkun applikat skont il-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għal atti legali***[1].
	[1] ***ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.***

Ġustifikazzjoni

L-għażla tal-Kummissjoni li tuża l-proċedura ta' riformulazzjoni għar-reviżjoni mhix ideali u mhix konformità mal-objettivi tal-Ftehima Interistituzzjonali dwar il-proċedura ta' tfassil mill-ġdid, li tipprevedi l-użu ta' din il-proċedura għal kundizzjonijiet pjuttost differenti. Il-proċedura ta' riformulazzjoni mhix adattata għal reviżjoni kumplessa, fejn tibdil f'xi elementi jkollhom implikazzjonijiet għal dispożizzjonijiet oħra fit-test, minħabba li f'termini prattiċi tfisser li l-Parlament irid jagħmel użu estensiv mid-deroga prevista f'IIA.

Amendment 2

Proposal for a regulation
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(3) It-trasparenza tgħin liċ-ċittadin jieħu sehem fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar mill-qrib, u jiggarantixxi li l-	(3) It-trasparenza tgħin liċ-ċittadin jieħu sehem fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod aktar mill-qrib, u jiggarantixxi li l-

amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u *kontabbli liċ-ċittadin* f'sistema demokratika. It-trasparenza ssaħħaħ il-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-Trattat tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.	amministrazzjoni tgawdi aktar leġittimità u tkun aktar effettiva u *responsabbli għaċ-ċittadin* f'sistema demokratika. It-trasparenza ssaħħaħ il-prinċipji tad-demokrazija u r-rispett lejn id-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tat-Trattat tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. ***Kwalunkwe progress lejn il-ftuħ tal-awtoritajiet amministrattivi għall-iskrutinju pubbliku jistimula l-isforzi kontra l-korruzzjoni.***

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza u d-dritt taċ-ċittadini għall-informazzjoni huma rikonoxxuti sew bħala l-aktar mod effiċjenti għan-nefqa sabiex tiġi miġġielda u evitata l-korruzzjoni.

Amendment 3

Proposal for a regulation
Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
	(5a) Din il-konsultazzjoni wriet li hemm appoġġ kbir fi ħdan is-soċjetà ċivili għall-appell tal-Parlament Ewropew dwar l-introduzzjoni, bi qbil mad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif stipulat fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ta' att dwar il-libertà tal-informazzjoni ġenwina applikabbli għall-qafas interistituzzjonali tal-Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni

While the concept of freedom of information is broader than the concept of access to documents it must, first, be noted that, as the Court of Justice has stated (in e.g. Hautal v Council) the content of the right to access to documents is the right to the information contained in documents. The broader concept of freedom of information is also already reflected in Regulation 1367/2006 which implements the Aarhus Convention. Furthermore, citizens' right to good administration must include, as a matter of principle, right to information. This is also clearly laid down in Article 22 of the Code of Good Administrative Behaviour, presented by the European Ombudsman and approved by Parliament.

Amendment 4

Proposal for a regulation
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(10) Kwalunkwe data personali inkluża fil-Kuntratt għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' din id-data.	(10) Kwalunkwe data personali inkluża fil-Kuntratt għandha tiġi proċessata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet Komunitarji u dwar il-moviment ħieles ta' din id-data . ***Sa mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u d-deċiżjonijiet u l-pożizzjonijiet adottati mill-Ombudsman Ewropew u mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, ikkjarifikaw aktar ir-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 45/2001, bir-riżultat li huwa r-regolament dwar l-aċċess għal dokumenti li għandu jkun applikat għal talbiet għal dokumenti li jinkludu data personali u li l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għar-regoli li jippermettu aċċess għal dokumenti u informazzjoni bl-iskop tal-protezzjoni tad-data, għandha tkun ibbażata fuq il-bżonn li tkun protetta l-privatezza u l-integrità tal-individwu.***

Ġustifikazzjoni

The question of the relationship between access to documents and data protection has been one of the most controversial issue relating to the application of Regulation 1049/2001. The cause of this has been, on the one hand, an unfortunate formulation of the exception for data protection which tends to lead to circular arguments concerning the relationship between the regulations mentioned. However, the shared position of the European Ombudsman, the European Data Protection Supervisor and the Curt of First Instance (in the Bavarian Lager case) is that data protection may not be used to prevent access to information when such access would not risk harming the right to privacy and personal integrity of an individual. However, the Commission's proposal does not take this into account.

Amendment 5

Proposal for a regulation
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(11) Regoli ċari għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tal-kxif ta' dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri u ta' dokumenti ta' partijiet terzi li huma parti minn fajls ta' proċeduri ġudizzjarji jew li jkunu nġabru mill-istituzzjonijiet permezz ta' poteri speċifiċi ta' investigazzjoni mogħtija lilhom *mill-liġi* tal-UE.	(11) Regoli ċari għandhom jiġu stabbiliti fir-rigward tal-kxif ta' dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri u ta' dokumenti ta' partijiet terzi li huma parti minn fajls ta' proċeduri ġudizzjarji jew li jkunu nġabru mill-istituzzjonijiet permezz ta' poteri speċifiċi ta' investigazzjoni mogħtija lilhom *mil-liġi* tal-UE. ***Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-obbligu li jkunu kkonsultati l-Istati Membri rigward talbiet għal aċċess għal dokumenti li joriġinaw minnhom, ma jagħtix lill-Istati Membri d-dritt li jużaw il-veto għal aċċess bħal dan jew li japplikaw il-liġijiet jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali u li l-istituzzjoni li quddiemha titressaq it-talba tista' tirrifjuta aċċess biss fuq il-bażi tal-eċċezzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Madanakollu, għad hemm bżonn li jkun ikkjarifikat l-istejtus tad-dokumenti li joriġinaw minn partijiet terzi sabiex ikun żgurat li, b'mod partikolari, informazzjoni relatata mal-proċeduri leġiżlattivi ma tinqasamx iktar mal-partijiet, inklużi l-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi, milli maċ-ċittadini Ewropej li għalihom tapplika l-leġiżlazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

The European Commission, in particular, has interpreted the obligation to consult member states as granting these a right to veto access to documents coming from them. However, this interpretation has been struck down by the Court of Justice in the IFAV case. The Commissions proposal does not, unfortunately, genuinely reflect this jurisprudence and would, if accepted, mean a clear step back from the present legal state of affairs. However, there is still need for clarification of the status of third party documents, in particular, in order to avoid that information relating to legislative dossiers is not shared more broadly with, for instance, foreign administration than with the European citizens concerned and bound by the legislation.

Amendment 6

Proposal for a regulation
Artikolu 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
1. Kull persuna naturali jew legali għandu ***jkollu*** d-dritt ta' aċċess għad-dokument tal-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament.	1. Kull persuna naturali jew legali ***jew kwalunkwe persuni legali jew naturali assoċjati*** għandu ***jkollhom*** d-dritt ta' aċċess għad-dokument tal-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Ir-referenza qed timmira lejn assoċjazzjonijiet, jiġifieri lejn gruppi taċ-ċittadini.

Amendment 7

Proposal for a regulation
Artikolu 3 - punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
(b) "parti terza" tfisser kull persuna naturali jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, ***inklużi l-Istati Membri,*** korpi Komunitarji oħrajn, istituzzjonijiet oħra mhux Komunitarji u korpi u pajjiżi terzi.	(b) "parti terza" tfisser kull persuna naturali jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, korpi Komunitarji oħrajn, istituzzjonijiet oħra mhux Komunitarji u korpi u pajjiżi terzi.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala partijiet terzi fir-relazzjonijiet mal-istituzzjonijiet jew fil-komunikazzjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet relatati mal-qasam tal-attivitajiet tal-Unjoni.

Amendment 8

Proposal for a regulation
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
	(ba) il-privatezza u l-integrita' tal-individwu, partikolarment skont il-leġiżlazzjoni tal-Komunita' dwar il-protezzjoni tad-data personali;

Ġustifikazzjoni

Referenza għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar data personali hija inkluża. F'dan il-kuntest għandu japplika wkoll, il-paragrafu 3.3 tal-Artikolu 80a tar-Regoli ta' Proċedura.

Amendment 9

Proposal for a regulation
Artikolu 5 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
1. Fir-rigward ta' dokumenti ta' partijiet terzi, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-parti terza bl-iskop li tagħmel stima dwar jekk tapplika eċċezzjoni li hemm referenza għaliha , fl-Artikolu 4 jekk ikun ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi mikxuf.	1. Fir-rigward ta' dokumenti ta' partijiet terzi, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-parti terza bl-iskop li tagħmel stima dwar jekk tapplika eċċezzjoni li hemm referenza għaliha, fl-Artikolu 4 jekk ikun ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi mikxuf. ***Dokumenti provduti lill-istituzzjonijiet bl-iskop li jkun influwenzat it-tfassil tal-politiki, għandhom ikunu ppubblikati.***

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun garantita t-trasparenza tal-proċess tat-tfassil tal-politiki, dokumenti provduti minn partijiet terzi u li għandhom l-għan li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet politiċi għandhom ikunu ppubblikati.

Amendment 10

Proposal for a regulation
Artikolu 9 – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***javżaw lill-Parlament*** Ewropew dwar dokumenti sensittivi skont l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet.	7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***jiżguraw kontroll adegwat mill-Parlament*** Ewropew dwar dokumenti sensittivi skont l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet, ***li għandhom isiru pubbliċi.***

Ġustifikazzjoni

L-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet rigward dokumenti sensittivi għandhom ikunu ppubblikati.

Amendment 11

Proposal for a regulation
Artikolu 12 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Amendment*
4. ***Kull istituzzjoni*** għandha ***tiddefinixxi fir-regoli tal-proċedura tagħha liema kateġoriji oħra ta'*** dokumenti ***huma direttament aċċessibli mill-pubbliku***.	4. ***L-istituzzjonijiet*** għandhom ***jistabbilixxu portal komuni għar-reġistri tad-***dokumenti ***tagħhom, u b'mod partikulari għandhom jiggarantixxu punt ta' aċċess uniku għal aċċess dirett għad-dokumenti li jitfasslu jew jaslu waqt proċeduri għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi tal-UE ta' applikazzjoni ġenerali***.

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 12(4) huwa emendat biex jinkludi r-rakkomandazzjoni 5 tar-Riżoluzzjoni Cashman bil-għan li jitjiebu l-istandards preżenti.

ANNESS

GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV
TAS-SERVIZZI LEGALI

Brussell, 6.11.2008

OPINJONI

GĦALL-ATTENZJONI TA' **IL-PARLAMENT EWROPEW**
IL-KUNSILL
IL-KUMMISSJONI

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni COM(2008) 229 finali tat-30.4.2008 - 2008/0090 (COD)

Wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru dwar użu iktar strutturat tat-teknika tat-tfassil mill-ġdid ta' atti legali, u partikolarment il-punt 9 ta' din il-Ftehima, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv, li hu magħmul mis-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni rispettivament, iltaqa' fl-20 ta' Mejju 2008 u fl-4 ta' Ġunju biex jeżaminaw il-proposta msemmija hawn fuq ippreżentata mill-Kummissjoni.

F'dawk il-laqgħat[1], il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv eżamina l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tfassal mill-ġdid ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u bi qbil komuni stabbilixxa dan li ġej.

1) Fl-Artikolu 7(1), ir-referenza għal "*paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu*" għandha tiġi adattata għal "*paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*".

2) Fl-Artikolu 9(1), ir-referenza għal "*mill-Artikolu 4(1)(a)*" għandha tiġi adattata għal "*mill-Artikolu 4(1)*".

3) Fl-Artikolu 12(1), iż-żieda ta' dan li ġej "*Atti leġiżlattivi jew nonleġiżlattivi tal-UE ta' applikazzjoni ġenerali għandhom*" kellu jiġi identifikat permezz tal-użu ta' *shading* griż li normalment jintuża għal tibdil sostanzjali.

4) Fl-Artikolu 12(2), iż-żieda tal-kliem finali "*f'forma elettronika*" kellha tiġi identifikata permezz tal-użu ta' *shading* griż li normalment jintuża biex jiġi identifikat tibdil sostanzjali.

[1] Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv kellu għad-dispożizzjoni tiegħu il-verżjoni Ingliża, Franċiża u Ġermaniża tal-proposta u ħadem abbażi tal-verżjoni Ingliża, peress li hija l-verżjoni oriġinali tat-test li qed jiġi diskuss.

Konsegwentament, l-eżami tal-proposta ppermettiet lill-Grupp Konsultattiv ta' Ħidma li jikkonkludi, bi qbil, li l-proposta ma tinkludi l-ebda emenda sostanzjali barra minn dawk li ġew identifikati bħala tali fiha stess jew f'din l-opinjoni. Il-Grupp ta' Ħidma kkonkluda wkoll, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux mill-att ta' qabel b'dawk l-emendi sostanzjali, li l-proposta għandha kodifikazzjoni ċara tat-testi eżistenti, bla ebda bidla fis-sustanza tagħha.

C. PENNERA	J.-C. PIRIS	C.-F.DURAND
Ġuriskonsult	Ġuriskonsult	Aġent Direttur Ġenerali

PROĊEDURA

Titolu	L-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni
Referenzi	COM(2008)0229 – C6-0184/2008 – 2008/0090(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 22.5.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Monica Frassoni 25.6.2008
Eżami fil-Kumitat	15.12.2008
Data tal-adozzjoni	20.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 –: 2 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Carlo Casini, Bert Doorn, Monica Frassoni, Giuseppe Gargani, Neena Gill, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Eva-Riitta Siitonen, Francesco Enrico Speroni, Diana Wallis, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Brian Crowley, Eva Lichtenberger, József Szájer, Jacques Toubon